ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2018, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier (7.10p.m.)
Marvin Zammit – Kunsillier (7.00p.m.)
Daniel Bugeja – Kunsillier
Mattea Sghendo – Sindku Kunsill Lokali Żgħażagħ (6.45p.m.)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Josef Aquilina - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**52.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Josef Aquilina li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien ma jiflaħx.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 52 li nżammet nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antione Saliba Haig ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 52 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**52.3.1** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Evalwazzjoni tat-tenders tlestiet u jonqos biss ir-Rapporti għad-diskussjoni u approvazzjoni tal-membri.

**52.3.2** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar lill-membri li l-marċ tal-Milied se jsir il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018, fejn il-baned se jiltaqgħu quddiem il-Kunsill fl-10.00a.m. u fl-10.30a.m. jingħata bidu għall-marċ. Kull Soċjeta' mużikali se tispiċċa l-marċ quddiem is-sede tagħha.

**52.4 MOZZJONIJIET**

**52.4.1 Mozzjoni Nru 102/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni nru 102 **;**

*Nipproponi li ssir manutenzjoni tal-pjazza quddiem il-Każin Anici fi Triq Dun Ġwakkin Schembri għax fiha diversi ħsarat.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 102/2018.

**52.4.2 Mozzjoni Nru 103/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni nru 103 **;**

*Nipproponi li l-Kunsill jixtri 10 kotba 'Encounters of Valletta' li jistgħu jingħataw bħala rigal f'diversi okkazzjonijiet li jistà jkollu l-Kunsill u 22 ktieb (kaxxa) 'Tisjir mill-Qalb' li dħul minnhom kollu jmur għal Community Chest Fund b'valur ta €1,020.00.*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig i**ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 103/2018.

**52.4.3 Mozzjoni Nru 104/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta mozzjoni nru 104**;**

*Nipproponi li jitkompla l-proġett ta' bankini ġodda billi jsiru dawn il-bankini bil-kuntratt eżistenti.*

- *Triq il-Ġdida*
- *Triq Antonio Muscat Fenech*
- *Triq San Edwardu (l-aħħar fażi)*
- *Triq Ġuzeppi Ciappara.*

*Se ssir applikazzjoni għal fondi mill-UIF biex isiru dawn il-bankini.*

*Is-Sindku talab korrezzjoni tal-mozzjoni sabiex tiġi nkluża wkoll Triq Bellìċ.*

*Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi talab li l-ittri ta' avviż li jintbagħtu mill-Kunsill dwar ix-xogħlijet jinħarġu minn qabel sabiex ir-residenti jkunu nfurmati u ma jinqalgħux misunderstandings bla bżonn.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba**' Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 104/2018.

**52.4.4 Mozzjoni Nru105/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni Nru 105;

*Nipproponi illi fl-okkazzjoni tal-100 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ jiġu organizzati żewġt attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-istess Kumitat biex jitfakkar dan l-anniversarju mportanti .*

*Wirja tal-artist Qormi Karmelo Mallia magħruf bħala l-Lhudi li se tiġi mtellà fil-maħżen ġdid tal-armar fi Triq il-Blata li ser issir fi Frar.*

*Ktieb dwar il-100 sena storja tal-awtur storiku Qormi Joseph Bugeja.*

*Għal dan il-għan il-Kunsill qiegħed jivvora s-somma ta Eur6000 li parti kbira minnhom kienu s-soltu jintefqu għal Qormi Wine Festival li din is-sena ma sarx.*

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 105/2018.

**52.4.5 MOZZJONI NRU 106/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina ppreżenta mozzjoni Nru 106;**

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova l-vacation leave tal-impjegati għas-sena d-dieħla kif ġej;*

| | |
|---|---|
| *Ritienne Sammut* | *48 siegħa* |
| *Marilyn Baldacchino* | *20 siegħa* |
| *Maria Lewis* | *48 siegħa* |
| *Bernice Darmanin* | *48 siegħa* |
| *Nicole Farrugia* | *12.5 siegħa* |
| *Roberta Mizzi* | *20 siegħa* |
| *Andre Cassar* | *48 siegħa* |
| *Sebastiana Tanti* | *48 siegħa* |

*Nipproponi li, fuq talba tagħha, l-impjegata Marilyn Baldacchino tingħata 20 siegħa unpaid vacation leave sabiex ikun possibli tużahom sal-aħħar tas-sena.*

*Nipproponi li l-vacation leave tas-Sjra Maria Aquilina, li jammonta għal 120 siegħa jiġi approvat għas-sena dieħla, bil-kundizzjoni li dan il-vacation leave jittieħed fl-ewwel sitt xhur tas-sena.*

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-Kunsill għandu jikkunsidra t-talba tas-Sinjura Lewis , iżda għandu jkun hemm struzzjonijiet ċari lill-istaff li jaħdem bir-reduced hours sabiex ma jakkumulawx aktar minn 8 siegħat fix-

xahar f'vacation leave.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 105/2018

## 52.5 Korrispondenza

### 52.5.1 Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri

Saret diskussjoni dwar il-korrispondenza ppreżentata, fejn il-Kunsill għandu jinfurma lill-Għaqda Mużikali li l-Programm m'għandux jinżamm fil-25 ta' Mejju 2019 u għandhom isiru taħdidiet mal-Kunsill qabel tingħażel data oħra.

52.5.2 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** rringrazzja lill-impjegati Bernice Darmanin u Nicole Farrugia tax-xogħol siewi li għamlu fl-organizzar tal-attivita' ddedikata għal Jum it-Tfal.

52.5.3 **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** nfurma lill-membri li ġie avviċinat mill-owner il-ġdid ta' Southern Fried Chicken li jinsab fi Triq San Bastjan dwar il-kwistjoni tal-bankina sewda quddiem il-ħanut imsemmi. Il-Kunsillier Daniel Bugeja nfurma li l-owner qed jitlob li l-proġett tal-bankina ma jitkomplix quddiem it-take away imsemmi qabel jiġi ffinalizzat ir-rapport tal-Inġinier, sabiex jiġi stabbilit x'qed jikkawża dan il-ħmieġ.

52.5.4 **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** nfurma li kellu talba minn EcoSkola fi ħdan l-iSkola Primarja San Ġorġ, fejn qed jitolbu Endorsement mill-Kunsill u titħallas fee ta' € 15.00 Is-Sindku Jesmond Aquilina spjega li l-Kunsill dejjem minn ta quddiem sabiex jippromwovi inizzjattivi favur l-ambjent. It-talba għal dan l-endorsement ġiet approvata unanimament.

## 52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru.

Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig ippropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**52.7 Punti Oħra**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk Infrastructure Malta għaddietx lill-Kunsill il-lista ta' toroq li se jsiru bit-tarmac u b'liema prijorita'. Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi nfurma li fil-lista uffiċjali tidher biss Triq l-Għargħar 1979.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk il-Kunsill ġiex ikkonsultat fl-għażla tat-toroq. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-Kunsill kien għadda numru ta' toroq għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk f'każ ta' resurfacing ta' toroq min se jkun responsabbli għax-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill se jibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia rringrazzja lil dawk kollha nvoluti fil-proċess sabiex il-Kunsill irnexxielu jieħu fondi taħt ta' Gal Xlokk, liema fondi se jagħmlu d-differenza fiz-zona ta' Triq is-Sajf.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia talab li jsir patching fi Triq il-Blata, Triq il-Kbira, Triq l-Isqof Scicluna, Triq il-kanun u Triq id-Drama. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ix-xogħol se jiddaħħal fil-lista tal-ħaddiema, jekk kemm-il darba x-xogħol jista' jsir minnhom.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 7 ta' Jannar 2019, fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 7 ta' Jannar 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |